Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Numru. 195/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**

**VS**

**Andrea Camilleri, iben Carmelo u Rosaria nee' Grech, imwieled Tal Pieta' nhar it-2 ta' Marzu, 1982, residenti fil-fond numru 16, Triq Pawlu Magri, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 139583M;**
**OMISSIS;**
**Sergey Timofeev, iben Ivan u Natalia nee' Vasil, imwieled ir-Russja nhar it-12 ta' Settembru, 1990, residenti fil-fond numru 6, Misrah l-Isptar, Sqaq Numru 2, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' numru 0037160M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Andrea Camilleri**,u **Sergey Timofeev,** li gew akkuzati talli:

1. Nhar il-21 ta' Frar, 2008, ghall-habta tas-2.30pm, ikkommettew serq ta' flus mill-istabbiliment maghruf bhala Galea Pastizzeria, li jinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur jammonta ghal tliet elef tliet mija u sbatax-il Ewro u dsatax-il centezmu (€3,317.19), fi flus kontanti u bil-persuna;

2. U aktar talli fl-istess data u fil-granet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom u xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Ewro (€116) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (Lm500.00);

4. U aktar talli **Andrea Camilleri wahdu** kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza li giet definittavament deciza nhar il-25 ta' Ottubru, 2007.

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju z-zewg imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghhom;

Semghet il-provi kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-fattispecie ta' din il-kawza hija serqa minn Galea Pastizzeria, allegatament bl-ghajnuna ta' haddiem tal-istess stabbiliment misruq.

Xehdu ghalhekk l-**Ispettur Frans Micallef** dwar ir-rapport li rcieva fuq din is-serqa u l-investigazzjonijiet. Irrizultalu mill-investigazzjonijiet tieghu, illi waqt li kienet qieghda ssehh is-serqa, wiehed mill-imputati - impjegat tal-istess kumpanija, kien fuq ma' impjegata ohra. Qal illi hu kellem lil dan Anthony Micallef li semmielu l-involviment tieghu f'dan ir-reat flimkien maz-zewg imputati l-ohra. Zied dan l-Ispettur illi hu ha l-istqarrijiet tal-imputat, u fil-fatt prezenta l-istess bhala Dok ST u Dok ST12 – it-tnejn ta' Sergey Timofeev; Dok AC ta' Andrea Camileri; u Dok AM ta' Anthony Micallef.

Zied illi l-imputat Sergey Timofeev kien anke qallu li kien ircieva minn din is-serqa s-somma ta' mitejn Ewro (€200), li hu kien irritorna lura u ta lill-istess Spettur, u dan minn naha tieghu kien ghaddiehom lid-derubat Frans Galea. Ezebixxa ghalhekk l-ircevuta ta' dawn il-flus illi hu kien ircieva, bhala Dok FM1 (folio 17). Ezebixxa wkoll elenku tal-flus misrqua.

Minn naha tieghu l-proprjetarju **Frans Galea** xehed illi hu kien jiggestixxi Pastizzeria Galea fejn kellu maid lil certu Helen. Kienet din illi kienet cemplitlu biex tghidlu li kienu serquhom. Xehed illi hadulu flus minn go kaxxa li fiha skondtu kellu s-somma ta' "*tliet elef u tliet mija u xi haga Ewro*" (folio 32).
Dwar il-hsarat, qal illi sgassawlu l-bieb tal-ufficju u t-tiswijiet ammontaw ghal tmienja u sittin Lira Maltin (Lm68.00). Ikkonferma d-dokumenti Dok FM u Dok FM1 gia' msemmija, allura kkonferma li l-ammont misruq kien ta' tliet elef tliet mija u sbatax-il Ewro (€3,317)
Iddeskriva l-kaxxa li minnha nsterqu l-flus bhala wahda hamra tinghalaq bl-ghatu. Qal ukoll illi l-flus li gew misruqa kienu l-pagi li kellu jhallas il-Gimgha.

Minn naha taghha, **Helen Baldacchino** xehdet illi hi marret tahsel l-art tal-fond misruq, u fil-fond sabet lil Anthony Micallef. Qalet illi dan hareg flimkien ma' haddiem iehor - certu Chris, pero rega' rritorna wara ghaxar minuti. Qallha li mar jigbor xi xkejjer tad-dqiq. Tela' fuq maghha fejn qaghdu jitkellmu. Tghid illi semghet hoss u li ghax is-soltu kienet tisma' hafna hsejjes, ma tatx kaz.

Qalet illi matul dan cempel il-mobile ta' Anthony, irrispondieh. Qalet ukoll illi meta mar Anthony l-ewwel darba, ma semghetx lil Anthony jaghlaq il-bieb, ma kinitx taf. Kienet certa li meta telaq semaghtu jaghlaq il-bieb ghax instabat.
Ziedet illi meta lestiet, nizlet isfel u hemm sabet l-ufficju miftuh. X'hin ittawwlet rat il-bieb tal-ufficju sgassat, u l-bieb sokkjuz naqra. Cemplet lill-proprjetarju Frans Galea.

**Christian Schembri** minn naha tieghu, xehed illi anke hu xogholu kien li jahsel fil-Pastizzeria Galea. Qal illi kien ukoll qieghed jahsel u mar hdejh Anthony Micallef. Qal illi lil dan beda jdoqqlu l-mobile, xi tliet darbiet, u dan beda jiftah it-tieqa u jittawwal. Qal illi hu anke kellem lil Helen, qallha li kien ser jitlaq u mieghu hareg anke dan Anthony. Ra lil dan sejjer bil-karozza tieghu.

Minn naha tieghu, **Stefan Busuttil** xehed illi kien jahdem bhala office administrator ma' Pastizzeria Galea. Ikkonferma li l-Hamis kellhom il-flus lesti fl-ammont ta' tliet elef tliet mija u sbatax-il Ewro (€3,317), pagi. Ezebixxa d-dokument Dok SB, bil-bilanc tal-flus illi kien hemm fil-gurnata tal-Hamis.

Xehed minn naha tieghu **Anthony Micallef**, ukoll ko-akkuzat, li pero kien ammetta l-akkuzi fil-bidu tal-proceduri, u li kellu l-proceduri kontrieh li ghaddew in gudikat.
Tela' ghalhekk jixhed dan Anthony Micallef. Qal illi hu kien ilu jahdem gewwa l-Pastizzeria Galea ghal tlitt snin, tlitt snin u nofs. Qal illi f'din is-serqa ftehmu hu flimkien ma' Andre' Camilleri u iehor li ma kinx jaf x'jismu. Indika lill-akkuzati. Qal illi mar ghalihom bil-karozza. Qal illi hu mar ghall-ixkejjer u li halla l-bieb tal-fabbrika miftuh. Xehed illi tela' l-fabbrika mal-fattiga, qaghdu jitkellmu. Il-ftehim kien illi l-ohrajn jidhlu gol-ufficju ghall-flus. Dan il-ftehim skondtu sar gurnata qabel. Qal illi hu kien tkellem ma' Andre' Camilleri. Kienu ftehmu li hu jmur ghalihom, iwaqqafhom barra l-fabbrika, u jidhol ghall-ixkejjer. Ftehmu li jhallu l-bieb miftuh, il-bieb ta' barra. Qal illi fuq mal-fattiga dam xi ghaxar (10) minuti, kif ukoll illi issa, meta hareg, ghalaq il-bieb warajh. Ikkonferma li meta kien

fil-pastizzeria, cemplulu kemm ommu kif ukoll Andre'. Dwar il-flus illi nsterqu, qal illi ma kienu ftehmu xejn fuqhom. Qal illi ma hax sehmu ghax ma kinx rah, u ghax wara beza'. Ikkonferma li kellu jkisser is-serratura tal-bieb tal-ufficju. Ikkonferma li kien jaf il-flus fejn kienu jinzammu fl-ufficini – go kexxun tal-iskrivanija, go kaxxa tal-hadid. Ikkonferma in kontro ezami li hu ma rax lill-imputati jidhlu fil-post, lanqas li ltaqa' maghhom. Wasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt huma kienu dahlu ghax hekk kienu miftehmin bejniethom.
In ri-ezami pero, xehed ukoll illi wara s-serqa, kien iltaqa' ma' Andre' u kienu ftehmu li ma kellhom jghidu xejn. Qal illi kien jiltaqa' mieghu ta' spiss ghax kienu joqoghdu fl-istess triq.

Gew ukoll prezentati lifters mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt minn **PS 198 Arthur Debattista**, Dok AC. Aktar tard, gie nominat Joseph Mallia biex jaghmel ezami komparattiv mal-impronti tal-imputati, pero dan l-ezami ta rizultat fin-negattiv, vide relazzjoni a folio 111.

L-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hem mahsuba li tista' tinsab htija, u cioe':
**<u>Fil-konfront ta' Andrea Camilleri:</u>**
Fl-Artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267, 268, 278, 279, 334, 325, 28B, u 533 tal-Kodici Kriminali;
**<u>Fil-konfront ta' Sergey Timofeev:</u>**
Fl-Artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267, 268, 278, 279, 334, 325, u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 101).

Rat illi ghazel illi jitla' jixhed il-ko-imputat Andrea Camilleri. Hawn giet moqrija lilu l-istqarrija minnu rilaxxata mill-Avukat Difensur tieghu. Hawn ghalhekk ikkonferma bil-gurament dak illi kien qal fl-istqarrija, u cioe' li hu kien jaghraf lil Anthony Antara (Micallef ghalina) ghax kienu trabbew flimkien. Ikkonferma li anke kien jaf lir-Russu Sergej ghax kienu jahdmu flimkien. Qal illi hu l-ahhar li kellem lil Antara kien minhabba l-kelb. Innega l-involviment tieghu f'din is-serqa. Qal illi hu fil-hin lilu ndikat

tas-2.00pm, kien fil-fatt xoghol, u li l-fabbrika li semmielu l-Ispettur lanqas biss kien jaf biha. Qal illi hu bhala vettura kellu Octavia bajda, u li dakinhar tas-serqa din kienet ghand il-panel beater. Qal ukoll illi hu ma kinx isuq il-karozza, stante li kellu l-licenzja sospiza.
Zied illi fil-fatt hu kien jaf biss dwar din is-serqa mill-arrest.
Baqa' nsistenti li hu kien cempel lil Antara biss minhabba li dan kellu jaghtieh, u biex dan jiehu l-kelb minghandu. Jghid illi dan ma kinx mar ghall-kelb, nonostante li kienu miftehmin hekk.
Baqa' jinnega kategorikament l-involviment tieghu f'din is-serqa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, kif kien drittu, ghandu jinghad illi Sergey Timofeev ghazel illi ma jihux il-pedana.

Kif gia' gie suespost, l-imputati kollha rrilaxxaw stqarrija – dan fis-sena 2008, allura minghajr assistenza legali.

Illi kif inghad *ad nauseum* minn din il-Qorti u Qrati ohra, saru diversi zviluppi fil-gurisprudenza taghna, li zviluppaw dan il-punt. Certament fi stqarrijiet mehuda minn persuni vulnerabbli, l-eta' hija element ferm kardinali biex jigi determinat l-ammissibilita' tal-istqarrija hekk mehuda, ghalhekk biex tigi stabbilita l-vulnerabbilta' tal-invesigat waqt it-tehid tal-istqarrija.

Barra dan il-punt tal-vulnerabbilta', il-Qrati taghna anke jikkunsidraw jekk l-istqarrija mehuda qabel is-sena 2010, cioe' qabel l-emendi, hix l-unika prova mressqa kontra. Fil-fatt l-istqarrija ghandha tittiehed in konsiderazzjoni jekk dak li jintqal fiha jsib korraborazzjoni ma' provi ohra mressqa, kif qalet il-Qorti tal-Appell Krimianli fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Yvonne Farrugia) vs Paul Cutajar", deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013, Appell Numru 58/2012:
"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat*

*Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Issa barra d-determinazzjoni tal-ammissibilita' tal-istqarrijiet, jinhtieg ukoll illi wiehed izomm mohhu li stqarrija taghmel prova biss fil-konfront ta' min qieghed jirrilaxxaha, u dan ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa Anthony Micallef ingab jixhed f'dawn il-proceduri stante li hu kien ammetta bil-bidu tal-kawza, u d-decizjoni moghtija fil-konfront tieghu ghaddiet in gudikat. Allura issa r-regoli fuq dak illi jghid Micallef dwar l-involviment fir-reat in ezami ta' Camilleri u Timofeev, mhux regolati biss bl-Artikolu gia' msemmi tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imma b'dak li nsibu fl-Artikolu 636 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jiregola x-xhieda ta' ko-akkuzat – dejjek jekk emmnut!

Dan huwa ben spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis; Jeremy Farrugia", tat-23 ta' Mejju, 2001, Appell Numru 60/2001, moghtija mill-Imhallef Dr Vincent De Gaetano, fejn intqal:
"*Hu evidenti minn dan il-bran li l-ewwel qorti kkonfondiet zewg regoli: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun <u>il-komplici</u>, u r-regola l-ohra li l-<u>ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti</u> favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor <u>biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz</u>*"

Fix-xhieda riprodotta ta' Micallef, hu kien ferm kategoriku li hu kkommetta s-serqa mill-fond Galea Pastizzeria, flimkien u bi ftehim ma' Andrea Camilleri u iehor li ma kinx jaf. Zied pero a folio 58, billi ghadda biex gharaf lill-akkuzati Camilleri u Timofeev. Qal fix-xhieda tieghu li ftehmu li fil-fatt kellhom jisirqu l-fond imsemmi. Spjega kif kellu jhallilhom il-bieb miftuh, u jisirqu b'hekk mill-ufficju. Fil-fatt hekk gara, kif gie korraborat mix-xhieda li tat il-kollega Helen Baldacchino. Jikkorabora wkoll il-fatt illi l-istess Micallef jghid li anke cempillu Camilleri, jammetti dawn it-telefonati, imma ghalix skondtu cempel minhabba l-kelb.

Jibqa' l-fatt, u fil-fatt Camilleri u Timofeev hadd ma rahom dehlin fil-fond u jisirqu. Lanqas ma nstabu mpronti digitali kif riprodott fl-ezami forensiku.

Micallef anke fil-fatt jixhed illi wara s-serqa, Camilleri anke kellmu fuq is-serq biex ma jikxfux.

Senjalament dan Micallef jghid ukoll fix-xhieda tieghu li fil-fatt il-ftehim sar ma' Andrea Camilleri (folio 60). Pero jghid illi kien hu li waqqaf lil Camilleri u lir-Russu Timofeev hdejn il-fabbrika, cioe' hu hadhom fil-fond li spicca nsteraq kif minnhom pjanat u bil-modus operandi li hu xehed bih, cioe' li halla l-bieb ta' barra miftuh.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti fil-fatt, tenut ix-xhieda ta' Micallef, kif korraborat minn fatti ohra riprodotti, ma ssib ebda diffikulta' li ssib htija fil-konfront tal-akkuzi ta' serq migjuba, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 264, 267, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Issib htija wkoll ta' hsara volontarja, ukoll wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista' ta' Dok FM a folio 88;

Tilliberahom pero mill-effetti tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' r-reat ta' ricettazzjoni, stante li dan huwa moghti bhala reat alternattiv ghas-serq.

Rat ukoll illi Andrea Camilleri gie akkuzat bi ksur ta' kundizzjoni ta' sentenza li giet definittiva fil-25 ta' Ottubru, 2007;
Rat illi pero, ghajr ghall-fedina penali tal-istess, ma giet ezebita ebda sentenza u ghalhekk qed tilliberah mill-istess.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali taghhom, illi hija netta, tqis is-serjeta' tar-reat ta' serq;
U ghalhekk tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------